MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Numru. 35/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**

**vs**

**Josef Joseph Sharfid ta' 25 sena, iben Mohammed u Maria Dolores nee Magion, mwieled Pieta' fid-9 ta' Awissu, 1975, u joqghod 111/3, Triq id-Dejqa, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 392375 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Josef Joseph Sharfid li gie akkuzat talli f'xi hin fis-7 ta' Settembru, 2000 u fil-granet ta' qabel din id-data, kkommetta serq ta' telephone cellulari tal-marka 'Nokia' kif ukoll stereo mill-vettura tal-ghamla Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzoni CBG 458 ghad-dannu ta' Jesmond Demicoli mill-Mosta. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm 1000).

Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe fuq il-vettura ta' l-ghamla Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni CBG-458 ghad-dannu ta' Jesmond Demicoli mill-Mosta, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm 50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm 500).

Fl-istess dati, hin, lok u cikostanzi u/jew fil-granet ta' qabel din id-data xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kullmod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom. Liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm 1000).

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jitmexxew bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat ukoll li hu ddikjara li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat

Illi f'din il-kawza senjalment xehdu Caruso u Caruana, t-tnejn bl-isem Massimo.

Fil-fatt Massimo Caruana tista' tghid li kkorrobora lill-akkuzat in kwantu qal li hu kien xtara Nokia u s-Sim relattiva tieghu minghand certu wiehed Taljan. Fil-fatt l-akkuzat fl-istqarrija tieghu isemmi lil dan it-Taljan li ried anke jbieghlu stereo, bl-isem ta' Massimo. Min-naha tieghu Massimo Caruana xehed li hu flimkien ma' l-akkuzat marru hdejn il-lights ta' l-Imsida u minghand Taljan xtraw mobile u sim card b'kollox.

Min-naha tieghu Massimo Caruso nnega kemm li jaf lill-akkuzat u wisq anqas li bieghlu n-Nokia.

L-akkuzat kif inhu dritt tieghu ghazel li ma jixhidx pero' rrilaxxa stqarrija esebita a fol 13 tal-process Dok JS. F'din l-istqarrija huwa nnega li kien ikkommetta xi serq, qal li kemm in-Nokia kif ukoll is-Sim card tieghu xtrahom minghand certu Massimo ta' nazzjonalita' Taljana.

Dwar ix-xiri ta' dawn l-oggetti qal li hu kien xtara l-mobile versu l-prezz ta' Lm 15, bieghu lil wiehed tal-linja ghall-prezz ta' LM25. Mistoqsi jekk jahsibx li dan kien jiswa aktar wiegeb:

"Ovvjament meta tixtrih mill-idejn u mhux minn hanut l-oggett jaqa' l-valur tieghu."

Kompla meta gie mistoqsi "Ghidtli li Massimo jisraq allura x'tistenna li sejjer issiblu?" Wiegeb "Jista' jkun li hu serqu. Nghidlek li jien ma naffordjax li nixtri oggetti bhal dawk b'valur ta' Lm 40 jew aktar" (a fol 14).

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm l-akkuzat fil-fatt kien ex admissis fil-pussess, anzi kellu fil-pussess tieghu kemm Nokia kif ukoll is-Sim Card, anke jekk kien f'pussess ricenti ghas-serqa ta' l-istess, pero' ma giex pruvat li kien hu li kommetta dan is-serq u ghalhekk qed tilliberah mill-istess. Konsegwentement qed tilliberah ukoll mit-tieni akkuza ta' danni volontarji.

It-tielet akkuza hija dik ikkontemplata fl-artikolu 334 tal-Kap 9 u cioe dik ta' ricettazzjoni. Dan l-artiklu jinhtieg biex jigi pruvat ir-reat fih ikkontemplat ix-xjenza da parti ta' l-agent li jilqa' jew jixtri ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat. Il-pern ta' dan ir-reat allura hija x-xjenza.

Din il-Qorti hija konvinta u ghalhekk irriproduciet bicciet minn dak li qal l-akkuzat fl-istqarrija li hu kien ben konsapevoli li l-affarijiet minnu akkwistati minghand Massimo t-Taljan, kienu frott ta' serq, tant li wassal biex stqarr "jista' jkun li hu serqu." Ghalhekk l-element tax-xjenza li jikkostitwixxi dan ir-reat huwa soddisfatt u konsegwentement il-Qorti qed issibu hati tar-reat ikkontemplat fl-art 334 tal-Kap 9.

Issa r-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 (a) huwa wiehed li jorbot il-piena mal-valur ta' l-oggett misruq. Irrizulta ben pruvat li l-valur massimu li gab il-mobile mibjugh huwa ta' Lm 25, skond kif qal l-akkuzat fl-istqarrija, u s-sim card dak ta' Lm 10. Oltre hekk, ghalkemm din zgur almenu fil-konfront tal-mobile li l-valur huwa aktarx izjed, lanqas id-derubat Demicoli ma gab ebda prova tal-valur. In kwantu ta' hekk il-Qorti se tghaddi billi torbot l-artiklu 334 (a) ma' dak ta' serq semplici kkontemplat fl-artikolu 284 u 285 tal-Kap 9.

Ghaldaqstant qed issibu hati biss taht l-artiklu 334 u 49 tal-Kap 9, fil-kaz tar-recidiva rat id-Dok JS 3 a fol 24, rat ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li ma hi xejn wahda ta' konfort, anzi turi pjuttost karattru refrattarju u li l-akkuzat ghadu ma tghallem xejn nonostante li nghata diversi opportunitajiet u anke wehel piena karcerarja, konsegwentement qeghda tikkundannah ghal tliet xhur pringunerija.

---------------------------------TMIEM---------------------------------